Ref: 13/6/194/12

**<u>Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru.13 tas-Sitt Legislatura</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Hamis 6 ta' Dicembru 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Kunsillier Raymond Attard kien skuzat. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkun skuzat fuq ragunijiet personali.

Kien hemm presenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

**1) <u>Minuti</u>**

**<u>Minuti tal-Laqgha Nru .13 tas-Sitt Legislatura</u>**

1.1 – Dawn il-Minuti ser jigu diskussi f'laqgha ohra.

**2) <u>Korrispondenza</u>**

<u>2.1 – Uzu tas-Sala tal-Kunsill Lokali Paola</u> – Is-Sindku qal li l-haddiem tal-Kunsill Anthony Gatt talab il-permess biex juza s-sala nhar is-Sibt 22 ta' Dicembru 2012 u li l-Kunsilliera Delezio ghandha bzonn tuza s-sala nhar il-Gimgha 22 ta' Frar 2013. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

<u>2.2 – Triq Tax-Xewk</u> – Is-Sindku ppropona li ssir laqgha ghar-residenti tal-akwata ta' Triq ix-Xewk minhabba l-problema tat-trakkijiet u li din it-triq ssir *one-way*. Din il-laqgha ser issir nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2012 fis-6.00pm. Ser jintbaghtu ittri lir-residenti biex ninfurmawhom b'din il-laqgha.

<u>2.3 – Ittra mill-Pawla Scout Group</u> – Ms Shurrab baghtet ittra biex titlob permess biex jorganizzaw *car wash* bhala *fund raising* quddiem il-*polyclinic* nhar is-Sibt 15 ta' Dicembru 2012 minn 12:00 sas-6:00pm. Il-membri tal-kunsill approvaw.

<u>2.4</u> – Il-Kunsillier Steve Axisa dahal ghal-laqgha fis-6.30pm.

2.5 – Ittra mill-MEPA – Ms Maria Vella baghtet korrispondenza dwar PA/00804/05 *Schreiber Football Ground* – Is-Sindku qal li ser jitlob biex il-Kunsill Lokali Paola jara l-pjanti u jkollna konsultazzjoni dwar dan.

2.6 – Ittra mill-Kunsillier Ray Attard – Is-Sindku qal li l-Kunsillier Attard baghat korrispondenza fejn qed jitlob biex ikun skuzat ghal din il-laqgha u qed jinforma wkoll ghaliex hu ma kitibx fil-magazin tal-kunsill minhabba l-fatt li bhalissa l-kunsill nefaq aktar mill-allokkazzjoni li kellu ghal din is-sena u li qed jastjeni fuq il-hlas tal-pagamenti anke f'din il-laqgha.

2.6.1 – Is-Sindku qal li skond l-ahhar rapport tal-*accountant*, il-Kunsill Lokali Paola qieghed €24,000 *over*.

2.7 – Ittra minn TM – Is-Sur Brincat baghat korrispondenza dwar *yellow lines* mhux approvati fi Triq il-Wied. Wara diskussjoni, gie deciz li jitrangaw dawn il-*yellow lines*.

2.8 – Ilmenti minn Ms Maria Ceci – Ms Ceci qed taghmel suggeriment biex it-tabella tal-hinijet fi Triq Guze D'Amato, Paola ssir *except for residents only*. Wara diskussjoni, gie deciz li l-ewwel issir konsultazzjoni mal-Pulizija dwar dan.

2.9 – Bozza mal-hajt fi Triq St.Ubaldeska – Is-Sindku qal li din il-bozza hemm bzonn tinqala' ghax qed taghmel il-hsara mal-hajt u li biex tigi rrangata, hu ccekkja mal-kuntrattur tal-kunsill u l-prezz taghha hu €265. Il-membri tal-kunsill approvaw.

2.10 – Is-Sindku semma' talba li kien ghamel il-Kappillan ta' Lourdes dwar rampa hdejn il-Knisja – Il-Kunsill iddecieda li tintbaghat ittra lil TM fejn jintalab permess biex titwessa' l-bankina u gie deciz ukoll li l-Kappillan jiehu hsieb li jipprovdi l-materjal u l-kunsill jghin billi jibghat il-haddiema jghinu fix-xoghol.

## 3) L.E.S

3.1 – Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jirrifondi €15,989.83 sat-30 ta' Novembru 2012 ghal perjodu minn Jannar 2012 sa Lulju 2012 ghax gew depozitati fil-kont tal-kunsill izda dawn huma dovuti lir-Regjun Xlokk.

3.2 – Wara diskussjoni, kien hemm 2 *options*. L-1 *option* hi li dawn il-flus jithallsu meta l-Kunsill jiehu l-EU Funds u t-2 *option* hi li dawn il-flus jithallsu *by installments*.

## 4) Attivitajiet tal-Milied

4.1 – Is-Sindku qal li llum rcevejna korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-attivita' Milied f'Casal Paola li ser issir nhar is-Sibt 22 ta' Dicembru 2012 u li l-Kunsill Lokali nghata €3,000 ghall-din l-attivita'. Is-Sindku qal li s-sena l-ohra, il-kunsill kien nghata €5,000. Is-Sindku kompla jghid li llum stess hu kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern lokali dwar dan.

4.2 – Is-Segretarju qal li kien hemm applikazzjoni ghal *Guiness World Records* biex isir l-itwal *Christmas Log* u dan jinbiegh fl-attivita' Milied f'Casal Paola. Hu kompla jghid li ghadu kemm gie nfurmat li din l-applikazzjoni giet accettata u li ha tkun bejn il-Kunsill Lokali Paola u CCF. Hu zied jghid li kien hemm hlas ta' €500 u li dawn ser nergghu nohduhom lura u li l-*income* kollu ser jinghata lill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem.

4.3 – Il-Kunsillier Axisa qal li ghandu jsir xi haga dwar it-*traffic lights* ta' quddiem Paola Police Station fi Triq il-Belt Valletta peress li dawn mhux qed jahdmu u huma perikoluzi meta jaqsmu n-nies. Hu semma' wkoll iz-*zebra crossing* li hemm fi Triq Haz-Zabbar li hemm quddiem il-Kunvent tas-Sorijiet u li din hija perikoluza wkoll u li dwar dan ghandha tintbaghat ittra ufficjali lill-TM u li ghandha ssir *Press Release.*

4.4 – Il-Kunsillier Axisa staqsa wkoll meta ser issir il-laqgha mar-residenti fi Triq il-Qalb ta'Gesu biex jigu ndirizzati l-problemi f'din it-triq. Hu ssuggerixxa li l-laqgha ssir fil-bidu ta' Jannar 2013.

4.4.1 – Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2012, ghandu laqgha ma' TM dwar *Residents Parking Scheme*.

4.5 – Il-kunsillier Axisa staqsa wkoll dwar dawk tal-fjuri li jarmaw fejn ic-Cimiterju tal-Addolorata u jekk dwar dan tistax issir *bye-law*.

4.5.1 – Is-Sindku qal li dwar dan hu tkellem mal-avukat tal-Kunsill biex ikun jista' jfassal *bye-law.*

4.6 – Is-Sindku qal li jixtieq li tohrog *expression of interest* dwar il-magazin tal-kunsill, Lehen Paola. Il-membri qabblu ma' dan.

4.7 – Is-Sindku qal li hu kellu laqgha mas-sidien ta' Debenhams u ma' *Main Street Complex* ghax jixtiequ li jsiru xi reklami mal-hajt tal-Habs.Hu kompla jghid li dak ma huwiex propjeta' tal-Kunsill izda tal-Habs.Hu qal ukoll li tkellem maghhom dwar l-uniformijiet tal-haddiema.

4.8 – Il-Vici-Sindku Dominic Grima hareg mil-laqgha fis-7.30pm.

4.9 – Is-Sindku tkellem dwar is-servizzi tal-gwardjani lokali fil-lokal. Hu ssuggerixxa li jkollna l-gwardjani lokali ghall-uzu tal-indafa u li ser ikun hawn 2 gwardjani lokali biex jissorveljaw fi Gnien Pawlu Boffa minhabba t-tipjip.Hu qal ukoll li l-ewwel ser jinghataw *2 warning tickets* u mbaghad mat-3 darba ser jaghtu kontravenzjoni.

**5) <u>Attivita'/Tifkira 20 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali Paola (2014)</u>**

5.1 – Is-Sindku qal li fl-2014, il-Kunsill Lokali ser jaghlaq 20 sena mit-twaqqif tieghu u ghalhekk jixtieq li ssir attivita' u li jsir mafkar mill-istudenti tal-MCAST.

5.1.1 – Wara diskussjoni, gie deciz li din il-proposta tinfetah ghall-istudenti tal-iskejjel kollha.

5.1.2 – Il-Kunsilliera Delezio qalet li jekk issir mafkar, ikun x'ikun u jghaddi kemm jghaddi zmien, dan ma jitnehha jew jinqala'minn hadd.

5.2 – Il-Kunsillier Lynch ta aktar dettalji dwar il-Party ghall-Anzjani li ser isir nhar it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2012 u l-Party tal-Milied ghat-Tfal li ser isir nhar is-Sibt 22 ta' Dicembru 2012 u li l-ikel ser ikun ta' Peppi Primavera. Hu qal li ser jitwahhlu posters fin-*notice boards*.

5.3 – Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn saret laqgha mar-residenti ta' triq Perit F.Tortell minhabba li qed jipparkjaw *road-tankers* mimlijin diesel u qal li l-Kunsill Lokali ser jaghmel appell.

**6) <u>Laqgha rigward Trasport Pubbliku</u>**

6.1 – Is-Sindku qal li kellu l-laqgha tas-Sindki fejn hu tkellem dwar l-ilmenti tal-Arriva fosthom ghaliex ma tghaddix minn Triq il-Palma.

6.2 – Il-Kunsillier Muscat qal li hemm problema ghaliex kull filghodu qed johorgu hafna karozzi *one-way* minn Triq Inverness u li hemm bzonn li din il-problema tigi ndirizzata.

6.3 – Is-Sindku qal li ser jaghmel laqgha mal-Ispettur Mario Tonna dwar dan.

**7) <u>Skeda ta' Pagamenti</u>**

7.1 - Dan l-item gie diskuss fil-laqgha ta' qabel.

**8) <u>Aggornament</u>**

15.1 – Il-laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar il-Hamis 20 ta' Dicembru 2012 fis-6.00pm.

Approvati llum ___________________________

| | |
|---|---|
| _______________ | __________________ |
| Kevin Borg | Roderick Spiteri |
| Segretarju | Sindku |